**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2017 – InvoiceAuction B2B vs EUIPO (INVOICE AUCTION)**

**(Kawża T-789/16)** ([1])

***["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea INVOICE AUCTION — Raġuni assoluta għal rifjut — Natura deskrittiva — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]***

(2017/C 374/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* InvoiceAuction B2B GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Jonas, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-3 ta' Awwissu 2016 (Każ R 2201/2015-1), li tikkonċerna applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv INVOICE AUCTION bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *InvoiceAuction B2B GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 14, 16.1.2017.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2017 – Del Valle Ruiz and Others vs il-Kummissjoni u SRB**

**(Kawża T-510/17)**

(2017/C 374/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Antonio Del Valle Ruiz (il-Belt tal-Messiku, il-Messiku) u 41 rikorrenti oħra (rappreżentanti: Saini, QC, J. Pobjoy, barrister, u R. Boynton, solicitor)

*Konvenuti:* il-Kummissjoni u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)

**Talbiet**

— tannulla fl-ewwel lok id-deċiżjoni tal-BUR adottata waqt is-sessjoni eżekuttiva tas-7 ta' Ġunju 2017 dwar l-adozzjoni tal-iskema ta' riżluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, S.A. u fit-tieni lok, id-deċiżjoni tal-Kummission (UE) 2017/1246 ([1]). Ir-rikorrenti jitolbu ukoll lill-Qorti Ġenerali jogħġobha tiddikjara bħala illegali l-Artikoli 18 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 ([2]); u

— tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw disa’ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 18 tar-regolament SUR, safejn il-proċedura prevista fih ma tipprovdix lill-azzjonisti l-possibbiltà li jinstemgħu u ma tippermettix li jsir stħarriġ ġudizzjarju, bi ksur a) tal-Artikoli 41, 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem “Karta tal-UE”) u b) tal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

2. Fit-tieni motiv, ir-rikorrenti jsostnu li, indipendentement mill-illegalità possibbli tal-Artikolu 18 tar-regolament SUR, id-deċiżjoni kkontestata tal-BUR u d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni jiksru l-Artikoli 41, 47 u 48 tal-Karta tal-UE.

3. Fit-tielet motiv, ir-rikorrenti jsosntu li l-BUR u l-Kummissjoni kisru, mingħajr ebda ġustifikazzjoni jew proporzjonalità, id-dritt tal-proprjetà tar-rikorrenti.

4. Ir-raba’ motiv huwa bbażat fuq ksur mill-BUR u mill-Kummissjoni tal-Artikolu 20 tar-regolament SUR safejn dawn ma wettqux evalwazzjoni adegwata u indipendenti qabel ma adottaw id-deċiżjoni ikkontestata tal-BUR u d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni.

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-ksur mill-BUR u mill-Kummissjoni tal-Artikolu 18(1) tar-regolament SUR safejn qiesu li l-kundizzjonijiet preliminari elenkati fl-Artikolu 18(1)(a) u (b) kienu issodisfatti.

6. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq il-ksur mill-BUR u mill-Kummissjoni tal-Artikolu 21(1) tar-regolament SUR safejn qiesu li kienu ssodisfatti l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tas-setgħa ta’ tnaqqis jew ta’ konverżjoni tal-istrumenti ta’ kapital ikkonċernati.

7. Is-seba’ motiv huwa bbażat fuq il-ksur mill-BUR u mill-Kummissjoni ta’ kundizzjoni proċedurali sostanzjali safejn ma pprovdew l-ebda motivazzjoni adegwata għad-deċiżjoni ikkontestata tal-BUR u għad-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni.

8. It-tmien motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-BUR u l-Kummissjoni, ma osservawx fil-mument li huma għażlu il-mezz tal-bejgħ tal-impriża, a) il-prinċipju ta’ proporzjonalità, u b), l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti, billi varjaw mill-pjan ta’ riżoluzzjoni mingħajr ebda ġustifikazzjoni.

9. Fid-disa’ motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-Artikoli 18 u 22 tar-regolament SUR jiksru il-prinċipji marbuta mad-delegazzjoni tal-poteri.

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246, tas-7 ta’ Ġunju 2017, li tapprova l-iskema ta’ riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español S.A. (notifikata bid-dokument C(2017) 4038), (ĠU L 178, p. 15).

([2]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta’ Lulju 2014, li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ [Skema Unika] ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, p. 1)

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta’ Awwissu 2017 – Garriga Sadurní u Martí Fonts vs SRB**

**(Kawża T-514/17)**

(2017/C 374/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Antonia Elisenda Garriga Sadurní (Barcelona, Spanja) u Josep María Martí Fonts (Barcelona) (rappreżentant: E. Silva Pacheco, avukat)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni

**Talbiet**

— tannulla “*ex tunc*” ir-riżoluzzjoni tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni tas-7 ta’ Ġunju 2017 sabiex b’hekk twassal għan-nullità tal-validità u tal-effetti tagħha.